# GĦAQDA ĦBIEB KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

Marzu 2020

Ħarġa Nru 2

**Kumitat 2020**

**President**

Adrian Schinas

**Viċi-President**

Valent Xuereb

**Segretarju**

Nardu Agius

**Asst. Segretarju u PRO**

Norbert Gingell

**Teżorier**

Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**

Angele Xuereb

**Attivitajiet li l-Kumitat qed jaħdem u jippjana għax xhur li ġejjin** (*jistgħu jinbiddlu skont iċ-ċirkostanzi:*)

**Marzu**

- Posposta

**April**

- Kappelli fil-lokalita' San Ġwann

**Mejju**

- Kappelli f'Għawdex

**Ġunju**

- Kappelli fil-lokalita' tan-Naxxar

## EDITORJAL

*Għeżież Membri,*

*Qedgħin tirċievu t-tieni ħarġa tal-fuljett elettroniku. Mill-kummenti li rċevejna jidher biċ-ċar li l-ewwel ħarġa niżlet tajjeb ħafna magħkom billi, barra li nżżilna ftit storja tal-kappelli li żorna f'Ħaż-Żebbuġ, daħħalna ukoll ftit ritratti li servew bħala rikordju tal-postijiet li żorna.*

*Il-Kumitat tista' tgħid li kellu kollox lest għall-attività ta' Marzu, imma bħalissa l-pajjiż għaddej minn ċirkustanzi li jaf bihom kulħadd. Aktar minn hekk, l-awtoritajiet kollha qed jinsistu—fl-interess tas-saħħa pubblika—li ċertu attivitajiet għalissa ma jsirux. Hu xieraq li aħna wkoll noqgħodu għall-parir tal-awtoritajiet. Nemmnu li jekk kulħadd josserva dawn id-direttivi l-pajjiż joħroġ minn dan il-gwaj b'wiċċ il-ġid.*

*Imma biex il-Kumitat jibqa' f'kuntatt magħkom, ħejjejna din it-tieni ħarġa li fiha qed nagħtukom informazzjni dwar żewġ kappelli— dik ta' Santa Katarina li tinsab f'Ħal Qormi u dik tan-Nativià li tinsab f'Bormla.*

*Artikli bħal dawn kienu qed jidhru fil-'Leħen' u kienu xxandru kwazi 140. Dawn l-artikli kienu jkunu bbażati fuq kitbiet li s-Sur Louis Fenech kien jipprepara sabiex jitqassmu lil dawk li kienu jattendu għall-attivitajiet li l-Kumitat preċedenti kien jorganizza sal-aħħar tas-sena l-oħra. Għax-xogħol li s-Sur L Fenech kien jieħu ta' min jirringrazzjah ħafna.*

*Filwaqt li nispera li ssibu din il-ħarġa nteressanti wkoll, nitlob biex minn irid jikkontribwixxi b'xi kitbiet jew artikli relevanti, għandu jibgħathom fuq l-emejl indikata hawn fuq.*

*Norbert Gingell*

*PRO*

# IL-KNISJA TAN-NATTIVITA', Bormla

Din il-knisja, li tinsab viċin il-Mina ta' Santa Liena, Bormla, kienet midfuna taħt l-art għal aktar minn tliet mitt sena. Reġgħet 'instabet' fl-1946 meta kien qiegħed isir xogħol ta' rikostruzzjoni wara it-Tieni Gwerra, imma reġgħet 'indifnet' meta bnew appartamenti fuqha.

Din il-knisja aktarx taf il-bidu tagħha minn għar li kien hemm fl-inħawi u bdiet tkun użata fit-VIII seklu WK. Dik il-ħabta l-irħieb Bizantin, li kienu jgħixu fl-eremitaġġi f'Konstantinopli, bdew jiġu ppersegwitati. Meta ħarbu fittxew refuġju fi Sqallija, fost pajjiżi oħra, u mhix ħaġa kbira li xi wħud minnhom sabu ruħhom f'Malta. Dan l-għar seta' servihom bħala mkien fejn jinġabru sabiex jitolbu.

Kien xi ħames mitt sena wara li dan l-għar kompla tkabbar billi sar fih taqtigħ tal-blat. Mons. Pietru Dusina jonnota li meta żarha fl-1575 sab li kienet imdaqqsa sew u li setgħet tilqa' fiha għadd ġmielu ta' nies.

Kien hemm min jgħid li kienet iddedikata lill-Madonna Għajnuna tal-Baħrin, oħrajn lil Santa Elena, it-tnejn kellhom ftit raġun.

Peress li kien hemm ħafna Bormliżi jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-baħar, dawn il-baħħara kellhom devozzjoni lejn xbiha tal-Madonna li huma kienu jirreferu għaliha bit-titlu ta' 'għajnuna tal-baħrin', għax kienu jemmnu li kienet tħarishom u tgħinhom speċjalment waqt xi għawġ fuq il-baħar.

Aktar tard din il-knisja kienet iddedikata lil Santa Elena. Fil-fatt l-imħawi wkoll ta' fejn tinsab il-knisja huma magħrufa bħala ta' 'fuq Santa Liena'.

Attwalment hi kienet iddedikata lit-Twelid ta' Ġesù. Fis-seklu XVII l-istoriku G. Ciantar jsemmi li f'din il-knisja, li dak iż-żmien kienet ipprofanata, kien hemm kwadru stil Grieg antik ħafna, impitter fuq l-injam u li kien juri l-Madonna b'Ġesù Bambin flimkien ma' qaddisin oħra. Kien hemm ukoll kitba li tindika li l-knisja kienet iddedikata lit-twelid ta' Ġesù minn Omm Verġni.



*Ritratt: M Debono*

Jidher li din il-knisja baqgħet tintuża b'mod regolari sa ftit wara nofs is-seklu XVII meta mbagħad ġiet ipprofanata darb'oħra u ma reggħetx ġiet miftuħa aktar għal funzjonijiet reliġjużi.

Hija ħasra li din il-knisja hi mirduma kif inhi u l-aċċess għalija mhux faċli.

*Kitba: Michael J Debono*

# IL-KAPPELLA TA' SAN TA KATARINA, ĦAL-QORMI



Id-devozzjoni lejn Santa Katerina f'Ħal Qormi tmur lura ħafna. Waqt il-viżta li Mons. Pietru Dusina għamel

*Ritratt: M Debono*

f'Ħal Qormi fl-1575, hu żar kappella ddedikata li din il-qaddisa. Hu jinnota li din il-knisja, għalkemm kellha artal u l-bibien tal-injam, kif ukoll titular impitter fuq l-injam, la kellha rettur, la renti u lanqas oġġetti oħra meħtieġa għall-funzjonijiet. B'danakollu ġie nnutat li l-werrieta ta' Agata Cassia kienu jieħdu ħsieb jiċċelebraw il-festa liturġika (25 ta' Novembru) bil-vespri u l-quddies.

Meta l-Isqof Tomaso Gargallo żar din il-knisja fl-1598 sab li l-kappillan kien jieħu ħsieb li jiċċelebra l-festa tal-qaddisa u li kien hemm min jieħu ħsieb il-knisja u s-Sibt jixegħlu l-lampier.

Meta fl-1634 Mons. Pietro Francesco Pontremoli żar il-knisja, osserva li kienet tħares lejn il-Punent u li fost ħwejjeġ oħra din kellha kwadru titulari li kien ħallas għalih Agostino Bonavia. F'dan il-kwadru tidher il-Madonna bil-Bambin u għarkubtejha maġenbha hemm Santa Katerina.

Il-knisja li naraw illum inbniet fl-1678, u mill-kitba li ħalla l-Isqof Michele Molina jirriżulta li kienu bidlulha il-qagħda tagħha għaliex issa sabha tħares lejn il-Lvant.

Il-knisja għandha għamla rettangolari b'saqaf troll li hu miżmum minn seba' ħnejjiet nofs tond li jserrħu fuq iċ-ċinta fil-għoli. Ir-rederos li naraw illum kien reġa' nbena fil-bidu tas-seklu XVIII. Fin-naħa ta' fuq hemm pediment segmental miksur li jserraħ fuq gwarniċ tal-ġebel merfugħ minn żewġ pilastri stil Toskan. Għandha wkoll sagristija.

Meta ġew biex jibnu l-knisja li naraw illum, peress li hi mibnija f'dik il-parti tat-triq li hemm diżlivell qawwi, bnewlha pedamenti li bihom illivellaw għal kollox dan id-diżlivell. Il-faċċata hija tipika tas-seklu XVII, għandha żewġ pilastri kbar, wieħed f'kull kantuniera li huma magħqudin bi gwarniċun. Fin-nofs hemm pediment maqsum li fuqu hemm salib tal-ġebel. Ġo nofs il-pediment hemm kampnar. Fil-kantunieri, fuq il-gwarniċun, hemm par pilastri qosra tal-ġebel li huma ddekorati b'boċċa kbira tal-ġebel fuqhom.

Il-bieb prinċipali hu rettangolari u hu mdawwar minn gwarniċun tal-ġebel. Fuqu hemm tieqa kwadra. 'L fuq minn din it-tieqa hemm arma li iżda hi sfigurata. Fuq kull naħa tal-bieb prinċipali hemm tieqa kwadra fil-baxx.



**Titular: iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina**

*Ritratt: Anthony M Brincat*

*Ħajr Kappelli Maltin*

# Ritratti ta' pitturi titulari fil-kappelli meħudin mill-eks membru, il-mibki ħabib ta' ħafna, Ġużeppi Theuma




Il-Madonna tal-Pilar
*Pittur mhux magħruf*
*Kappella Il-Madonna tal-Pilar (Sant Anton) - Attard*




San Rokku mal-Madonna tal-Grazzja u San Bastjan
*Pittur mhux magħruf (Seklu17)*
*Kappella San Rokku - Birkirkara*




In-Nawfraġju ta' San Pawl (1729)
*Enrico Regnaud (1692-1764)*
*Kappella In-Nawfraġju ta' San Pawl - H'Attard*




Il-Madonna ma' Santa Skolastika u Qaddisin
*Mattia Preti (1613-1699)*
*Kappella Santa Skolastika - Birgu*




It-Twelid tal-Madonna (c.1770)
*Pittur mhux magħruf*
*Kappella Il-Vitorja - Birkirkara*




**San Rokku ma' San Nicola ta'Bari**
*Suor Maria de Domenico (1650-1708)*
*Kappella Santu Rokku (Ta' Sant Anna) - Attard*
*Ħajr: Joseph Scicluna*